# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda fit-3pm u mhux fil-5.30pm. Fis-6pm il-Kunsill kellu laqgħa mal-President il-ġdid tal-AKL fl-uffiċji tal-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi pagamenti saru mill-Kunsill ta' Ħal Kirkop [ref punt 3.1] għaliex il-Kunsill ta' Kirkop, bħala Leaders tal-proġett kellhom il-permess illi jagħmlu dawn il-pagamenti mingħajr ma jitolbu l-permess tal-parteċipanti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li xorta kellhom juru li ħarġu spejjez li ġew imħallsin mill-Kunsill ta' Ħal Safi. Is-Sindku kkonferma li għandna nieħdu €4221 lura peress illi l-kors twaqqaf wara ftit. Il-Kunsill qabel illi s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-karta fejn il-Kunsill jaqbel illi aħna għandna nieħdu dan l-ammont lura. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-karta.

3.2 Fuq mistoqsija tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil dwar ‘reserved’ parking bays, is-Sindku qal illi l-Kunsill m’għandux bzonn l-approvazzjoni ta’ Transport Malta biex jagħmel postijiet tal-parkeġġ fir-raħal [ref punt 3.2], u li qatt ma ntalbu mill-Kunsilli ta’ qabel biex isir dan.

3.3 L-attivita kulturali t’April se ssir fl-4 jew fil-5 t’April [ref punt 3.3]. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jekk hemm xi wirijiet {fis-sala} dawn għandhom isiru qabel it-12 tax-xahar. Is-Sindku qal dawn għandhom isiru mingħajr problemi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa minn fejn se nieħdu l-fondi għall-attivita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi applikajna għal fondi mill-Gal Xlokk, waqt illi s-Sindku qal illi se jiġbor fondi minn mezzi oħrajn jekk ma nieħdux bizzejjed mill-Gal Xlokk.

**Is-Sindku ssospenda l-laqgħa mal-wasla tal-Ambaxxtriċi tal-Lokalita għaż-Żagħżagħ, is-sinjorina Raissa Borg. Il-kunsilliera kollha ferħula u awgurawlha għal kariga l-ġdida tagħha. Il-Kunsill kompla bil-Punti tal-Minuti.**

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-karta tar-reserved [ref punt 3.4] kif kien talab il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku qal illi fil-passat kienu saru reserved mingħajr ma kienu ġew diskussi fil-Kunsill, kumment illi l-kunsillieri Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla oġġezzjonaw. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-kunsillieri dejjem maru fuq il-post qabel ma ħadu deċiżjoni. Is-Sindku qal illi kienu saru kaxxi sofor ukoll. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dawk qegħdin isiru issa wkoll. Qal ukoll illi l-karta tar-reserved li rċieva l-Kunsill [ref 3.4] tgħid illi hija valida għal sena biss. Is-Sindku u l-kunsillier Carlo Stivala qalu li ‘reserved’ kollha huma għal sena. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil żied illi dejjem għandna nagħmlu kommunikazzjoni ma’ Transport Malta fuq kazijiet bħal dawn. Qal ukoll illi Transport Malta għandha tagħmel il-linji, waqt illi l-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom wara. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa kemm hemm ‘motorcycle bases’ fir-raħal. Is-Sindku qal illi mhux ċert fuq in-numru izda jemmen illi hemm bejn 3 u 4.

3.5 Is-Sindku qal illi s-soprano Clair Balloċċi mhux se tkun tista tieħu sehem fl-attivita ta’ Diċembru [ref punt 3.5]. Qal ukoll illi l-majjalata se ssir f’ismu peress illi ma kienx hemm qbil li l-Kunsill għandu jħallas l-ammont għar-rekord u fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal illi jemmen il-Kunsill għandu jagħmel parti minn dan ir-rekord, bħal m’għamlu Kunsilli ta’ lokalijiet oħrajn fil-passat. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sindku hu magħruf għat-tisjir tal-majjal u għalhekk għandu jieħu r-rekord hu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi qabel illi tkun rekord tal-Kunsill imma s-Sindku qal illi issa kien tard

wisq u għamel il-pagament wara li ma kienx hemm qbil unanimu bejn il-kunsillieri preżenti fil-laqgħa preċedenti.

Wara li rċieva mistoqsija mill-kunsillier Carlo Stivala rigward l-irwol li għandhom jieħdu l-gruppi matul il-weekend tal-attivitajiet, is-Sindku rrisponda li min jixtieq jista jarma stand.

Il-kunsillier Publius Abdilla fakkar illi l-banner tal-Kunsill trid tidher.

Is-Sindku qal illi se jkun hemm zfin u kant waqt l-attivita waqt illi ġie kkonfermat li attivita taz-Zumba se ssir fit-8 ta' Diċembru wara talba mill-kunsillier Carlo Stivala.

Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-Kor Kreattiv se jkunu qegħdin hemm biex jkantaw Christmas Carols.

Is-Sindku qal illi minn jixtieq jarma stand għandu jikonferma l-interess tiegħu miegħu u mas-sinjorina Joyce Bonello tal-One for All Foundation.

Il-kunsillier Publius Abdilla esprima li l-attivita għanda tibda u tispiċċa izjed kmieni milli huwa ppjanat [bejn 6-12pm nhar is-Sibt].

Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi se jkun hemm stand għar-ritratti antiki tar-raħal.

Is-Sindku qal illi jixtieq jagħmel kompetizzjoni tal-kejkijiet. Qal illi l-kompetizzjoni għanda tkun għall-apparenza, kif ukoll għat-togħma.

Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna ngħidu lil midja biex ikunu preżenti.

3.6 Is-Sindku qal illi n-noticeboard tal-pjaza issa qegħda dritta u se ssir l-logo tal-Kunsill. Qal ukoll illi l-NGO's għandhom l-opportunita biex juzaw in-noticeboard. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq l-ammont ta' ħin li dam biex isir dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġbu li n-noticeboard suppost sar fil-leġislatura l-oħra imma qed jagħmlu hu llum.

3.7 Is-Sindku qal illi 2 ħaddiema se jmorru jagħmlu t-tabella ta' triq San Ġwann meta jidħlu mill-leave [ref punt 3.10]

3.8 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa fuq il-possibilta li nagħmlu li jintefa l-ATM għal ċertu ħinijiet. Is-Sindku qal illi lest jordna kameras bis-sound [ref punt 6] jekk naraw illi jkunu vijabli. Qal ukoll illi għandu l-ħsieb illi jiċaqlaq l-ATM wara li BOV u l-Kunsill irċevew petizzjoni biex l-ATM titneħħa minn postha. Qal illi ltaqa mal-BOV u qablu li nagħmlu l-ATM f'post ieħor fir-raħal. Qal illi x'aktarx jinbena post 2m*2m fid-daħla tal-bandli quddiem il-perit Ninu Zammit [li qabel mas-suġġeriment] u titwaħħal hemm. Qal ukoll illi sal-20 ta' Diċembru il-BOV għandhom jagħtu r-risposta tagħhom. Is-Sindku qal ukoll illi ċitazzjonijiet se jibdew joħorġu grazzi għas-CCTV ta' triq l-iskola, wara li ġie mistoqsi mill-Viċi Sindku Johan Mula.

3.9 Is-Sindku qal illi lmenta dwar il-mogħod illi kelna nieħdu l-għażla tal-Ambaxxatriċi bil-voti, waqt illi żied illi mhux kull Kunsill kien iddeċċieda fuq persuna sal-launching tal-Vot 16. Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu quddiem is-sinjorina Borg illi asstenjaw mill-vot u mhux oġġezzjonaw l-għażla tagħha għall-irwol il-ġdid tagħha. Qalu wkoll illi ma kienux jafu min hi waqt il-laqgħa waqt illi s-sinjorina Borg qalet illi xtaqet illi jkunu jafu min hi. Is-Sindku qal illi sibna persuna li tixtieq taħdem magħna u kien kuntent bid-deċiżjoni.

3.10 Is-Sindku qal illi ltaqa mal-kuntrattur li se jneħħi s-siġar quddiem id-dar tal-perit Ninu Zammit [ref punt 8.1 u 8.2]. Dan għandu jgħid meta se ssir ix-xogħol ġimgħa wara l-laqgħa. Is-Sindku qal ukoll illi se jmur għand dawk illi għandhom iħawlu s-siġar biex jiverifika li verament se jħawluhom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandu jieħu ritratti bħala provi li dawn tħawlu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal minn dejjem oġġezjona li nneħħu dawn is-siġar minn posthom u qal illi għandna noqogħdu attenti jekk nagħmlu dawn ix-xogħolijiet mingħajr il-permessi meħtieġa. Qal illi fil-passat forsi ma kienx hemm bzonn permess għal dan it-tip ta’ xogħol imma l-affarijiet issa nbidlu.

3.11 Is-Sindku qal illi jekk nieħdu 2/3 tal-fondi tal-Gal Xlokk għat-tisbiħ tal-ġnien fl-area ~Ta’ Ġawħar [ref punt 9.2] ikun possibli li nagħmlu CCTV hemmhekk. Qal ukoll illi barra l-ispejjez li hemm biex inaddfu l-area [ref punt 9.4], hemm ukoll spejjeż ta’ bini u għamara. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi suppost hemm fondi għal dawn it-tip ta’ xogħolijiet u qal illi għandna nuzaw dawn il-miżuri għall-benefiċċji tagħna.

3.12 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi ma qal xejn lil Kumitat rigward il-mistoqsija li għamel il-kunsillier Publius Abdilla [ref punt 10.2] għalhiex il-Kunsill kien ħa deċiżjoni u ma ħasibx illi kellu jmur jagħmel it-talba lil grupp. Is-Sindku għamel suġġeriment biex il-kotba li jingħataw bħala premji jkunu tal-awtur Jonathan Balzan. Il-Kunsill qabel li nixtru 4 kotba li se jingħataw bħala premji, u 6 oħra għal librerija.

3.13 Il-Viċi Sindku qal illi s-sur Tony Pace għandu jagħżel il-bord tal-ġurija tal-kompetizzjoni [ref punt 10.3]. Qal ukoll illi l-kap tal-iskola ħadet gost bl-ideja li ssir ġbir f’isem l-iskola waqt l-attivita [ref punt 10.4] Il-Kunsill mhux se jkollu x’jaqsam mal-ġabra li tista ssir waqt l-attivita, jew mezzi oħrajn, bħal lotterija, fejn il-flus imorru għall-iskola primarja tar-raħal.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi staqsa lis-sinjura Dorianne Zammit Briffa biex tkun il-preżentatur tas-serata u għanda tagħti risposta l-għada tal-laqgħa.

## 4. Approvazzjoni tal-pagamenti

4.1 Il-kunsilliera qablu u approvaw il-Payment Approval Sheet.

## 5. Korrespondenza

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-emajl tas-sur Jonathan Balzan li offra prezz irħas għax-xiri tal-ktieb il-ġdid tiegħu. Il-Kunsill kien diġa qabel [ref punt 3.12 ta din is-seduta] li nixtru 10 kotba.

## 6. Attivitajiet tal-Milied

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-party tat-tfal ma jistax isir bejn l-20 u t-22, kif ukoll bejn l-24 u s-27 ta' Diċembru peress illi hemm il-festi u l-parties tal-Mużewijiet u tal-iskola f'dawk il-ġranet. Il-party se ssir fit-23 jew fit-28 ta' Diċembru.

6.2 Fil-5 ta' Jannar se ssir l-ikla anwali tal-anzjani

6.3 Is-Sindku għamel talba sabiex il-kunsilliera llestu l-lista tal-anzjani li ma jistgħux joħorġu mid-djar tagħhom, ħalli nkunu nafu kemm il-hamper għandna nlestu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna naraw il-lista li teżisti fil-laqgħa li jmiss u nżidu jew inaqqsu minn dik il-lista.

## 7. Ħwejjeġ Oħra

7.1 Fuq talba tas-Sindku l-kunsillieri aċċettaw talba tal-Każin biex jagħmlu turnament tal-futbol fil-grawnd tan-Nursery. Dan il-logħob se jingħata bla ħlas.

7.2 Is-Sindku qal illi l-Każin jixtiequ jużaw is-sala biex jagħmlu attivita fl-14 jew fil-15 ta' Diċembru. Il-kunsilliera qablu, bil-kundizzjoni li jaħslu kollox wara.

7.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi waqt il-Bike Hike illi se ssir jumejn wara din is-seduta, it-tfal se jduru mal-pjazza u se jinzlu lejn ġnien Sir Alexander Ball, fejn se jingħataw sandwich u drink. Il-Kunsill

qabel fuq ix-xiri tal-ikel u x-xorb. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm 22 tifel u tifla li se jipparteċipaw.

7.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm ħafna ħofor kbar fl-isqaq privat fl-inħawi Ta' Ġawħar. Is-Sindku ma qabilx illi huma ħofra [kien jaf għal fejn qed jirreferi s-sur Busuttil] u qal illi hemm ħamrija. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qall illi hemm ħafna sqaqien fir-raħal li ingħataw il-konkos fil-passat u jħoss illi għandna nagħmlu dan ix-xogħol fejn hu meħtieġ. Is-Sindku qal illi qabel konna nieħdu fondi għal dan ix-xogħol. Qal illi l-problemi fir-raħal tagħna għandhom jiġu rranġati u żied illi għandna problemi akbar illi kellhom bzonn l-attenzjoni tagħna.

7.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk aħna għandna nirranġaw l-ħġieġa tal-bus shelter ta' Misraħ San Ġużepp. Dak huwa propjeta ta' Transport Malta.

7.6 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa kemm għandna skips on wheels fir-raħal. Is-Sindku qal illi hemm 3 li huma tagħna.

7.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi nnotta li l-ġardinar tal-Kunsill mar jaqta l-ħaxix u ftit wara ħaddiema li qegħdin jikinsu l-area maru u reġgħu ħadmu fl-istess area bil-mutur. Qal illi tajjeb li jkun hemm il-komunikazzjoni bejniethom biex ma joqogħdux jirrepetu l-istess xogħol. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li l-ġardinar jibda jaħdem bil-mutur. Is-Sindku qal li mhux fejn naddaf il-ġardinar imma tkompla aktar l-isfel.

7.8 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm kanal ġo triq Il-Biedja. Is-Sindku qal illi jaf bih u l-WSC [Dipartiment tad-Dranaġġ] għandhom jagħtu t-tarmak. Qal illi għandna nkunu prudenti magħhom wara li għamlu x-xogħol fuq problema li kienet ilha teżisti hemm għal żmien twil.

7.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi rċieva proposta għal Outdoor Gym. Is-Sindku qal illi ma nieħdux fondi mill-KMS għal proġett bħal dan. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi fil-passat il-Kunsill Lokali taż-Żagħażagħ pruvaw japplikaw għal miżura għall-Outdoor Gym izda ma rnexxilhomx. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa li ssir fil-ġnien faċċata tal-GMU u d-Dental Clinic.

7.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi t-Treasure Hunt kienet suċċess u pparteċċipaw 16 tifel u tifla. Qal illi l-grupp tal-Kor Kreattiv rebħu l-ewwel edizzjoni u ħa jieħdu s-Shield fis-serata tal-21 ta' Diċembru.

7.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bozza maqtugħa f'triq Dun Ġużepp Caruana.

7.12 Is-Sindku qal illi l-kunsillieri għandhom imorru għandu qabel ma jagħtu x-xogħol lill-iskrivani tal-Kunsill għaliex qiegħed jittqassam ix-xogħol b'mod ugwali

.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.55pm u l-kunsillier maru sal-uffiċji tal-AKL biex jiltaqgħu mal-President il-ġdid tal-Assoċazzjonai, is-sur Mark Sant.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fil-11 ta' Diċembru 2013 fil-5pm

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |